**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 569/2020 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 744/2020 fl-ismijiet:

**Easygas Malta Limited (C-45789)**

**vs**

**Liquigas Malta Limited (C-44954)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Liquigas Malta Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talbet lil din il-Qorti tiddikjara li jezistu ragunijiet gusti u ekwi ghalfejn il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li jgib in-numru 744/20 fl-ismijiet fuq premessi ghandu jigi dikjarat illegali fl-intier tieghu jew parzjalment u l-ammont depozitat fir-registru tal-qorti jintradd kollu jew in parte, lura lil Liquigas u Easygas ghandha tigi kkundannata

thallas il-penali u d-danni, jew, fin-nuqqas li Easygas taghti garanzija idonea u xierqa ghall-istess.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Easygas Malta Limited.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura s-socjetà Liquigas qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn Easygas sabiex din tal-ahhar tqieghed fis-sod pretensjoni taghha ghar-rifuzjoni ta' depoziti ta' cilindri tal-gass. Jirrizulta illi l-mandat *de quo* intalab u nhareg fid-19 ta' Gunju 2020 u, wara li l-bank HSBC iddepozita fil-Qorti l-ammont kollu pretiz, dan minn kontijiet ta' Liquigas, inhareg il-kontro-mandat.

Il-procedura odjerna hija msejjsa fuq l-Art. 836(7) li testwalment jipprovdi illi:

> *"Minkejja li tiġi depożitat fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il-kontromandat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa,inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur."*

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-argument ta' Easygas illi galadarba inhareg il-kontro-mandat relattiv, din il-Qorti ma tistax tistharreg ic-cirkostanzi tal-hrug tal-mandat. Il-fuq citat Art. 836(7) ma jiddisponix hekk. Anzi, espressament jaghti lill-

Qorti dik is-setgha li l-Qorti qed tintalab tezercita bil-proceduri odjerni.

Kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri Farrugia vs C & Building Contractors Limited fl-14 ta' Awwissu 2014:

> *"l-istharrig li jkun irid isir f'cirkostanza bhal din ma jibqax sewwasew dak li jsir meta l-Mandat kawtelatorju jkun ghadu fis-sehh. F'kaz bhal dan li l-Qorti ghandha llum, il-ligi tghid li l-Qorti li lilha ssirilha t-talba ghandha (i) tistharreg jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le; (ii) tara jekk hemmx raguni biex il-garanzija li tkun inghatat (b'depozitu garanzija bankarja jew cedola, skond il-kaz) imisshiex titnaqqas, u (iii) jekk il-hrug tal-Mandat kienx sar kontra l-ligi, f'liema kaz, il-Qorti tista' tordna r-radd lura tal-garanzija lill-ezekutat. Minn dan jidher li, sabiex il-Qorti tistharreg jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx seta' jinhareg jew le jew biex tistharreg jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-ligi, ghandhom jintuzaw il-kriterji mahsuba fid-dispozizzjonijiet li l-ohrajn tal-istess artikolu 836 u dispozizzjonijiet generali li l-ligi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati: Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet li qeghda tinstema' minn din il-Qorti u ghadha fil-fazi bikrija tat-tressiq tal-kitbiet min-naha tal-partijiet."* – Emanuel Farrugia vs C & Building Contractors Limited deciza fl-14 ta' Awwissu 2014.

Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-vertenza odjerna fid-dawl tal-fuq citata gurisprudenza. Qieset partikolarment inoltre illi l-arma tal-mandat m'ghandha qatt tintuza biex tivvessa izda minn naha l-ohra, pretiz kreditur ma ghandux jigi mxekkel milli ragonevolment jikkawtela l-kreditu tieghu b'kull mod li tippermettilu l-ligi.

Dan premess, il-Qorti kkonsidrat illi l-Art. 836(1)(c) jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

*"li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni."*

Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni Camilleri vs Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri:

*"Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternattiva, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-initmat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. <u>Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant</u>; (emfasi mizjuda)."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta inkontestat u pruvat mid-dokumentazzjoni esibita illi l-qaghda finanzjarja ta' Liquigas ma taghti lok ghal ebda biza. Ma jezisti ebda dubbju dwar il-likwidità taghha. Minbarra t-turnover konsiderevoli li ghandha, jirrizulta li ghandha wkoll assi ta' entità importanti wkoll. Tant hu hekk illi depozitati fil-Bank stess kien hemm bizzejjed flus kontanti biex jigu depozitati sabiex jinhareg il-kontro-mandat, dan kollu minbarra krediti decizi favur taghha f'kawzi (ghalkemm mhux definittivi) kontra l-istess Easygas.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis gustifikata t-talba ta' Liquigas abbazi tal-Art. 836(1)(c) u b'hekk ma tibqax htiega li l-Qorti testendi l-indagini taghha a tenur tal-Art. 836(1)(d).

Ir-rikorrenti Liquigas qeghda titlob wkoll il-kundanna ghal penali. Il-Qorti ma tirriskontrax l-estremi li trid il-ligi u l-gurisprudenza biex jiggustifikaw l-imposizzjoni ta' penali a tenur tal-Art. 836(8)(c).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Liquigas Malta Limited u thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 744/2020, b'dana illi kull ammont depozitat fir-registru tal-Qorti wara l-istess mandat ghandu jintradd lura lil Liquigas.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF